

Brussell, 17 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11101/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0196(NLE)

ECOFIN 934
UEM 380
FIN 806
ECB
EIB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Greċja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Greċja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara li l-Greċja ppreżentat il-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”, recovery and resilience plan”) tagħha fis-27 ta’ April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (“id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021”)². Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 ġiet emendata bid-deċiżjonijiet ta’ implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta’ Diċembru 2023³, tas-16 ta’ Lulju 2024⁴ u tal-21 ta’ Jannar 2025⁵.
- (2) Fl-14 ta’ Mejju 2025, il-Greċja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 tiġi emendata f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista’ jinkiseb parzjalment minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq din il-bażi, il-Greċja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ppreżentati mill-Greċja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 108 miżura.

² Ara d-dokumenti ST 10152/21 INIT u ST 10152/21 ADD 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokumenti ST 15831/23 INIT REV1 u ST 15831/23 ADD 1 REV 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

⁴ Ara d-dokumenti ST 11858/24, ST 11858/24 COR 1, ST 11858/24 ADD 1 u ST 11858/24 ADD 1 COR 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

⁵ Ara d-dokumenti ST 17055/24, ST 17055/24 ADD 1 u ST 17055/24 ADD 1 COR 1 fi <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) Il-Greċja spjegat li tmien miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu parzjalment jew kompletament minħabba dewmien mhux mistenni relatat ma' proċeduri tal-akkwist pubbliku. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 64 taħt il-miżura 16851 (Protezzjoni tal-bijodiversità bħala mutur għat-tkabbir sostenibbli), l-istadju importanti 82 taħt il-miżura 16911 (Mezzi tal-ajru għall-ġestjoni tal-kriżijiet) u l-istadju importanti 80 taħt il-miżura 16283 (Implimentazzjoni taċ-Ċentri Reġjonali tal-Protezzjoni Ċivili (PEKEPP) permezz ta' skemi PPP) taħt il-komponent 1.4 (Użu sostenibbli tar-riżorsi, reżiljenza għall-klima u protezzjoni ambjentali); l-istadju importanti 108 taħt il-miżura 16779 (Interoperabbiltà u żvilupp tas-servizzi tal-web) u l-istadju importanti 128 taħt il-miżura 16827 (Strateġija u Politiki tal-Governanza tad-Data) taħt il-komponent 2.2 (Modernizzazzjoni); il-mira 182 u l-istadju importanti 182a taħt il-miżura 16925 (Trasformazzjoni Diġitali tas-sistema ta' appoġġ soċjali) taħt il-komponent 3.4 (Żieda fl-aċċess għal politiki soċjali effettivi u inklużivi); l-istadju importanti 213 taħt il-miżura 16703 (Il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali u l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali), taħt il-komponent 4.2 (Modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż permezz tat-tħaffif tal-implimentazzjoni ta' investimenti pubbliċi, it-titjib tal-qafas tal-akkwist pubbliku, miżuri tal-bini tal-kapaċitajiet u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni), u l-mira 261 u l-istadju importanti 262 taħt il-miżura 16630 (Awtostrada tat-Tramuntana ta' Kreta (B.O.A.K.)) taħt il-komponent 4.6 (Modernizzazzjoni u titjib tar-reżiljenza tas-setturi ekonomiċi ewlenin). Fuq din il-bażi, il-Greċja talbet li ċerti rekwiżiti ta' dawk il-miżuri jiġu emendati. Barra minn hekk, il-Greċja talbet li l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura 16827 jitnaqqas u li l-mira 16283 u l-mira interim 261 jitneħħew. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (5) Il-Greċja spjegat li disa' miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu parzjalment jew kompletament minħabba domanda aktar baxxa milli kien mistenni. Dan jikkonċerna l-mira 35 taħt il-miżura 16876 (Aġġornament tal-enerġija tal-bini tas-settur pubbliku) taħt il-komponent 1.2 (Rinnovazzjoni); l-istadji importanti 312 u 316 taħt il-miżura 16285 (Investimenti fin-network ta' irrigazzjoni nazzjonali permezz ta' skemi PPP) taħt il-komponent 1.4 (Użu sostenibbli tar-riżorsi, reżiljenza għall-klima u protezzjoni ambjentali); il-mira 90 taħt il-miżura 16818 (Infrastruttura tal-fibrottika fil-bini) taħt il-komponent 2.1 (Konnessjoni); il-miri 183 u 186 u l-istadju importanti 186a taħt il-miżura 16922 (Integrazzjoni Soċjali), l-istadji importanti 174a, 179 u 176 taħt il-mira 16904 (Diżabilità) u l-miri 177 u 180 u l-istadju importanti 180a taħt il-miżura 16919 (Protezzjoni tat-Tfal); taħt il-komponent 3.4 (Żieda fl-aċċess għal politiki soċjali effettivi u inklużivi); l-istadju importanti 220 taħt il-miżura 16705 (Trasformazzjoni Diġitali tal-Maniġment u s-Superviżjoni Fiskali fil-Governanza u fil-Fatturazzjoni Elettronika) taħt il-komponent 4.2 (Modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż permezz tat-tħaffif tal-implimentazzjoni tal-investimenti pubbliċi, it-titjib tal-qafas tal-akkwist pubbliku, il-miżuri għall-bini tal-kapaċità u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni); u l-istadju importanti 346 taħt il-miżura 16622 (ORIZZONT 2020 "Siġill ta' Eċċellenza": il-finanzjament tal-aktar kumpaniji innovattivi) taħt il-komponent 4.5 (Il-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni). Fuq din il-bażi, il-Greċja talbet li ċerti rekwiżiti ta' dawk il-miżuri mjigħu emendati. Barra minn hekk, il-Greċja talbet li l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri 16876 u 16705 jitnaqqas u li l-miri 35, 177 u 180 u l-istadju importanti 312 jitneħħew. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (6) Il-Greċja spjegat li sitt miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu parzjalment jew kompletament minħabba interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista. Dan jikkonċerna l-istadji importanti 10 u 15 taħt il-miżura 16871 (Azzjonijiet ta' rivitalizzazzjoni tat-territorji l-aktar affettwati (Territorji ta' tranżizzjoni ġusta)) u l-istadju importanti 16 taħt il-miżura 16926 (Appoġġ tal-installazzjoni ta' sistemi ta' ħżin biex tittejjeb il-penetrazzjoni tar-RES) taħt il-komponent 1.1 (Enerġizzazzjoni); l-istadji importanti 51, 53, u 54 taħt il-miżura 16831 (Produc-E Green) taħt il-komponent 1.3 (Irriċarġjar u riforniment); il-mira 118 taħt il-miżura 16826 (Programmi ta' aġġornament tal-ħiliet diġitali għall-koskritti) taħt il-komponent 2.2 (Modernizzazzjoni); u l-istadji importanti 365 u 366 taħt il-miżura 16996 (Installazzjoni ta' ħżin tal-enerġija għal penetrazzjoni addizzjonali tar-RES) l-istadji importanti 372 u 373 taħt il-miżura 16997 (Promozzjoni teknoloġiji tas-CCS biex titrawwem l-industrija tad-dekarbonizzazzjoni) taħt il-komponent 5.2 (Investimenti tar-REPowerEU). Fuq din il-bażi, il-Greċja talbet li ċerti rekwiżiti ta' dawk il-miżuri jiġu emendati. Barra minn hekk, il-Greċja talbet li l-miżuri 16997 u 16826 jitneħħew. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (7) Il-Greċja spjegat li tmien miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu parzjalment jew kompletament minħabba kwistjonijiet legali mhux previsti. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 29 taħt il-miżura 16879 (Tħejjija ta' Pjanijiet Urbani fl-implimentazzjoni tar-riforma tal-politika urbana) u l-istadju importanti 30 taħt il-miżura 16894 (Stabbiliment ta' ppjanar spazjali speċjali għdid għall-RES, l-industrija, it-turiżmu u l-akwakultura) taħt il-komponent 1.2 (Rinnovazzjoni); l-istadju importanti 141a taħt il-miżura 16941 (Ir-ristrutturar u l-immarkar mill-għdid tad-DYPA lokali tal-PES (KPA2)) taħt il-komponent 3.1 (Promozzjoni tal-ħolqien tal-impjiegi u parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol); l-istadju importanti 145b taħt il-miżura 16794 (It-Tisħiħ tas-Sistema tal-Apprendistati) taħt il-komponent 3.2 (L-edukazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u l-ħiliet); il-mira 187 taħt il-miżura 16688 (Il-promozzjoni tal-integrazzjoni tal-popolazzjoni tar-refuġjati fis-suq tax-xogħol) taħt il-komponent 3.4 (Żieda fl-aċċess għal politiki soċjali effettivi u inklużivi); l-istadji importanti 195a, 195 u 196 taħt il-miżura 16291 (It-Trasformazzjoni Diġitali tal-Amministrazzjoni tat-Taxxa u tad-Dwana) taħt il-komponent 4.1 (Nagħmlu t-taxxi aktar favorevoli għat-tkabbir u ntejbu l-amministrazzjoni tat-taxxa u l-ġbir tat-taxxa); u l-istadju importanti 271 taħt il-miżura 16892 (Aġġornament tal-ferroviji suburbani tal-Attica tal-Punent) u l-istadju importanti 306 taħt il-miżura 16599 (Diġitalizzazzjoni tan-Network tad-Diplomazija Ekonomika u tal-Programm ta' Taħriġ għall-Esportaturi) taħt il-komponent 4.6 (Modernizzazzjoni u titjib tar-reżiljenza tas-setturi ekonomiċi ewlenin). Fuq din il-bażi, il-Greċja talbet li ċerti rekwiżiti jiġu emendati u li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk il-miżuri jitnaqqas. Barra minn hekk, il-Greċja talbet li l-miżura 16599 titneħħa. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (8) Il-Greċja spjegat li tliet miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu parzjalment minħabba sfidi tekniċi mhux mistennija. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 171 taħt il-miżura 16757 (Stabbiliment ta' Ċentru tar-Radjoterapija fl-Isptar tal-Mard Toraċiku "Sotiria" ta' Ateni) u l-mira 156, il-mira l-għdida 156a, u l-miri 157 u 158 taħt il-miżura 16816 (Riformi u aċċellerazzjoni tal-investimenti fis-Settur tal-Kura tas-Saħħa - Tnaqqis ta' Clawback u razzjonalizzazzjoni tan-nefqa fuq il-kura tas-saħħa) taħt il-komponent 3.3. (Titjib tar-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa); u l-istadju importanti 211a taħt il-miżura 16952 (Tisħiħ tal-Qafas Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni permezz ta' interventi mmirati fl-oqsma tad-detezzjoni, il-prevenzjoni u s-sensibilizzazzjoni) taħt il-komponent 4.2 (Modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż permezz tat-tħaffif tal-implimentazzjoni tal-investimenti pubbliċi, it-titjib tal-qafas tal-akkwist pubbliku, il-miżuri għall-bini tal-kapaċità u l-għlieda kontra l-korruzzjoni). Fuq din il-bażi, il-Greċja talbet li l-mira 156 tinqasam f'żewġ miri tal-miżura 16816, li l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura 16757 jitnaqqas, u li stadju importanti għdid 211a jiżdied mal-miżura 16952. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (9) Il-Greċja spjegat li 27 miżura ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali ta' daww il-miżuri. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 40 taħt il-miżura 16873 (Interventi f'żoni residenzjali u fl-istokk tal-bini) u l-istadju importanti 39 taħt il-miżura 16932 (Ċentru Atletiku Olimpiku ta' Ateni) taħt il-komponent 1.2 (Rinnovazzjoni); l-istadji importanti 45a u 49, u l-miri 52 u 55 taħt il-miżura 16924 (Elettromobilità) taħt il-komponent 1.3 (Irriċarġjar u riforniment); l-istadju importanti 81 taħt il-miżura 16910 (Sistema ta' Ġestjoni u Kontroll) taħt il-komponent 1.4 (Użu sostenibbli tar-riżorsi, reżiljenza għall-klima u protezzjoni ambjentali); l-istadju importanti 122 taħt il-miżura 16853 (Forniment ta' Infrastruttura u Servizz ta' Cloud Computing Ċentrali), l-istadju importanti 125 taħt il-miżura 16955 (Aġġornament tal-infrastruttura u tas-servizzi tal-Cloud-computing tal-Infrastrutturi Nazzjonali għar-Riċerka u t-Teknoloġija (GRNET)), l-istadju importanti 124 taħt il-miżura 16928 (Inkorporazzjoni ta' teknoloġiji u xejriet ġodda lejn servizzi avvanzati tal-Amministrazzjoni Pubblika, żieda fl-effiċjenza u fl-effettività, u tnaqqis fil-kostijiet tal-operat, l-aġġornament u l-manutenzjoni tas-sistemi), il-miri 94 u 95 taħt il-miżura 16778 (Diġitalizzazzjoni tal-arkivji u tas-servizzi relatati) u l-istadju importanti 99 taħt il-miżura 16929 (Lejn servizzi orjentati lejn il-"klijent" tal-Amministrazzjoni Pubblika permezz tas-simplifikazzjoni u t-titjib tal-proċessi, it-titjib tas-sistemi u l-konformità mal-istrateġiji u l-politiki Ewropej) taħt il-komponent 2.2 (Modernizzazzjoni); l-istadju importanti 131 u l-istadju importanti l-ġdid 131a taħt il-miżura 16706 (Trasformazzjoni diġitali tal-SMEs) u l-istadju importanti 132 taħt il-miżura 16973 (Stabbiliment ta' ekosistema diġitali tan-negozju u introduzzjoni ta' inċentivi tat-taxxa għall-faċilitazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali tal-SMEs) taħt il-komponent 2.3 (Diġitalizzazzjoni tan-negozju);

l-istadju importanti 146 taħt il-miżura 16792 Taħriġ fil-ħiliet, taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol permezz ta' mudell ta' taħriġ riformat (Ir-Riforma tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali), l-istadju importanti 150 taħt il-miżura 16289 (Strateġija għall-Eċċellenza fl-Universitajiet & Innovazzjoni, l-istadju importanti) 152 taħt il-miżura 16934 (Titjib tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali) taħt il-komponent 3.2 (L-edukazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u l-ħiliet); l-istadju importanti 161 u l-mira 166 taħt il-miżura 16755 (Ir-Riforma tas-Sistema tal-Kura tas-Saħħa Primarja), l-istadju importanti 165 taħt il-miżura 16783 (L-Implimentazzjoni tal-Programm Nazzjonali ta' Prevenzjoni tas-Saħħa Pubblika "Spiros Doxiadis" (NPP "SD")) u l-istadji importanti 335 u 336 taħt il-miżura 16984 (Ir-Riforma tat-Tabib Personali) taħt il-komponent 3.3 (Titjib tar-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa), l-istadji importanti 175 u 175a taħt il-miżura 16726 (Ottimizzazzjoni tal-Benefiċċji Soċjali) u l-mira 184 taħt il-miżura 16685 (Sensibilizzazzjoni dwar id-diversità) taħt il-komponent 3.4 (Żieda fl-aċċess għal politiki soċjali effettivi u inklużivi); il-mira 189 taħt il-miżura 16614 (cash registers online u POS) taħt il-komponent 4.1 (Nagħmlu t-taxxi aktar favorevoli għat-tkabbir u ntejbu l-amministrazzjoni tat-taxxa u l-ġbir tat-taxxa); il-miri 342 u 344, l-istadji importanti 343 u 345 taħt il-miżura 16986 (It-tlestija tal-katast nazzjonali) l-istadju importanti 216 taħt il-miżura 16711 (Professjonalizzazzjoni tad-Dominju tal-Akkwist Pubbliku) taħt il-komponent 4.2 (Modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż permezz tat-tħaffif tal-implimentazzjoni tal-investimenti pubbliċi, it-titjib tal-qafas tal-akkwist pubbliku, il-miżuri għall-bini tal-kapaċità u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni);

l-istadju importanti 243 taħt il-miżura 16581 (Is-superviżjoni msaħħa tas-suq kapitali u l-affidabbiltà) u l-stadji importanti 244b u 244c taħt il-miżura 16957 (It-tisħiħ tal-kapaċità tas-sistema finanzjarja biex jingħelbu l-isfidi ta' legat u tiġi ffinanzjata l-ekonomija reali) taħt il-komponent 4.4 (It-tisħiħ tas-settur finanzjarju u s-swieq kapitali); l-istadji importanti 268, 268a, 268b u 268c taħt il-miżura 16982 (Ir-riforma organizzazzjonali fis-settur ferrovjarju) taħt il-komponent 4.6 (Modernizzazzjoni u titjib tar-reżiljenza tas-setturi ekonomiċi ewlenin); l-istadju importanti 355 taħt il-miżura 16988 (Qafas regolatorju u tal-operat tas-suq għall-qbid, l-użu u t-teknoloġiji tal-ħżin tal-karbonju biex titrawwem id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija) taħt il-komponent 5.1 (Riformi tar-REPowerEU); u l-miri 368 u 369 taħt il-miżura 16994 (Effiċjenza Enerġetika u promozzjoni tar-RES għall-awtokonsum) taħt il-komponent 5.2 (Investimenti tar-REPowerEU). Fuq din il-bażi, il-Greċja talbet li ċerti rekwiżiti ta' dawk il-miżuri jiġu emendati. Barra minn hekk, il-Greċja talbet li l-implimentazzjoni tal-iskeda ta' żmien tal-istadji importanti 175 u 355 tiġi estiża, li l-miri 55 u 94 u l-istadji importanti 49 u 161 jitneħħew u li l-istadju importanti 345 jitneħħa billi l-implimentazzjoni tiegħu tiġi avvanzata u tingħaqad mal-istadju importanti 343. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (10) Il-Greċja spjegat li ġew emendati 33 miżura sabiex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu t-tnaqqis tal-piż amministrattiv, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi ta' daww il-miżuri. Dan jikkonċerna l-mira 8 taħt il-miżura 16865 (Ristrutturazzjoni u titjib tad-Dħul tal-kontijiet RES CHP) u l-istadju importanti 2 taħt il-miżura 16870 (Interventi għall-interkonnessjoni tal-elettriku tal-gżejjer u t-titjib tan-network tal-elettriku) taħt il-komponent 1.1 (Enerġizzazzjoni); id-deskrizzjoni tal-miżura tal-miżura 16875 (Żvilupp tal-infrastruttura u restawr tal-bini f'dak li kien dominju rjali f'Tatoi) taħt il-komponent 1.2 (Rinnovazzjoni), l-istadji importanti 72 u 73 taħt il-miżura 16846 (Infrastrutturi ta' Ġestjoni tal-Ilma Urban Mormi u tal-Hama mit-Trattament tal-Ilma Mormi), l-istadji importanti 62a u 63 taħt il-miżura 16849 (Il-Pjan Nazzjonali ta' Reforestazzjoni, restawr u prevenzjoni ("antiNERO), miżuri kontra l-erożjoni u l-protezzjoni mill-għargħar), l-istadji importanti 71 u 74 taħt il-miżura 16850 (Provista tal-Ilma tax-Xorb u Infrastrutturi ta' ffrankar) u l-istadju importanti 332 taħt il-miżura 16983 (Spezzjoni preliminari tar-reżistenza sismika tal-bini) taħt il-komponent 1.4 (Użu sostenibbli tar-riżorsi, reżiljenza għall-klima u protezzjoni ambjentali), l-istadju importanti 119 taħt il-miżura 16736 (Sistema ġdida għall-Akkwisti Pubbliċi), l-istadju importanti 113 taħt il-miżura 16738 (Sistema Ċentrali tal-Ġestjoni tad-Dokumenti), l-istadju importanti 110 taħt il-miżura 16780 (Modernizzazzjoni Ulterjuri tal-punti uniċi ta' servizz tal-Amministrazzjoni Pubblika), l-istadju importanti 98 taħt il-miżura 16782 (Interkonnessjoni u interoperabbiltà ta' reġistri, sistemi u servizzi għall-iskambju ta' data bejn organizzazzjonijiet pubbliċi nazzjonali), l-istadju importanti 123 taħt il-miżura 16854 (Bliet Intelliġenti) u l-istadju importanti 111 taħt il-miżura 16965 (Studji tal-Klassifikazzjoni tad-Data għas-Sistemi tal-Infurmazzjoni tas-Settur Pubbliku) taħt il-komponent 2.2 (Modernizzazzjoni); l-istadju importanti 163 taħt il-miżura 16756 (Riformi Organizzazzjonali fis-Sistema tas-Saħħa) taħt il-komponent 3.3 (Titjib tar-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa);

l-istadju importanti 194 taħt il-miżura 16611 (Trasformazzjoni diġitali tal-awditi tat-taxxa) u l-istadji importanti 204 u 204a taħt il-miżura 16643 (Il-kodifikazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni dwar it-taxxa) taħt il-komponent 4.1 (Nagħmlu t-taxxi aktar favorevoli għat-tkabbir u ntejbu l-amministrazzjoni tat-taxxa u l-ġbir tat-taxxa); l-istadju importanti 212 taħt il-miżura 16702 (It-titjib tal-qafas tal-AML/CFT), l-istadju importanti 208 taħt il-miżura 16972 (Ir-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika), l-istadju importanti 219 taħt il-miżura 16974 (Riforma fil-Kontabilità) taħt il-komponent 4.2 (Modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż permezz tat-tħaffif tal-implimentazzjoni tal-investimenti pubbliċi, it-titjib tal-qafas tal-akkwist pubbliku, il-miżuri għall-bini tal-kapaċità u l-għieda kontra l-korruzzjoni); l-istadju importanti 237 taħt il-miżura 16292 (Bini Ġudizzjarju Ġdid u rinnovazzjonijiet), l-istadji importanti 236 u 238 taħt il-miżura 16575 (Aċċellerazzjoni tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja) u l-istadju importanti 235 taħt il-miżura 16733 (Ħiliet u ħiliet diġitali għall-imħallfin u l-impjegati ġudizzjarji (persunal ġudizzjarju)) taħt il-komponent 4.3 (Titjib fl-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja); l-istadji importanti 247 u 247a taħt il-miżura 16624 (Ħolqien – Espansjoni – Aġġornament ta' Infrastrutturi taċ-Ċentri ta' Riċerka sorveljati mis-Segretarjat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (GSRI)) taħt il-komponent 4.5 (Il-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni); l-istadji importanti 272 u 272a taħt il-miżura 16949 (Pontijiet Intelliġenti), l-istadju importanti 285 taħt il-miżura 16725 (It-titjib tal-edukazzjoni għolja tal-arti), l-istadju importanti 277 taħt il-miżura 16786 (Simplifikazzjoni tal-Proċeduri tal-Ministeru għall-Infrastruttura u t-Trasport), l-istadji importanti 295 u 297 taħt il-miżura 16931 (Żvilupp tat-Turiżmu), l-istadju importanti 314 taħt il-miżura 16626 (It-trasformazzjoni ekonomika fis-Settur Agrikolu), l-istadju importanti 315 taħt il-miżura 16584 (Proposti għal azzjonijiet fis-Settur tal-Akkwakultura), u l-istadji importanti 255 u 256 taħt il-miżura 16628 (l-Awtostrada tal-Greċja Ċentrali E-65: Trikala- Taqsima Egnatia) taħt il-komponent 4.6 (Modernizzazzjoni u titjib tar-reżiljenza tas-setturi ekonomiċi ewlenin);

u l-istadju importanti 356 taħt il-miżura 16990 (Kapaċità tal-grilja u tal-ħżin – it-trawwim ta' investimenti tal-ħżin), l-istadju importanti 361 taħt il-miżura 16992 (Sett ta' għodod biex jippromwovi l-kondiviżjoni tal-enerġija, l-awtokonsum u l-Komunitajiet tal-Enerġija rinnovabbli) u l-istadju importanti 363 taħt il-miżura 16993 (Pjan direzzjonali għal interventi innovattivi tal-effiċjenza enerġetika u identifikazzjoni ta' strument finanzjarju għdid) taħt il-komponent 5.1 (Riformi tar-REPowerEU). Fuq din il-bażi, il-Greċja talbet li ċerti rekwiżiti tal-miżuri msemmija hawn fuq jiġu emendati. Barra minn hekk, il-Greċja talbet li l-miżura 16965 titneħħa u li tingħaqquad mal-miżura 16827 u li l-istadji importanti 2, 71, 72 u 255 jitneħħew. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħteġ li tiġi emendata skont dan.

- (11) Wara t-tneħħija tal-miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Greċja talbet li tuża r-riżorsi liberati bit-tneħħija ta' ċerti miżuri u tnaqqas il-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex iżżid il-livell ta' implimentazzjoni ta' 14-il miżura oħra. Dan jikkonċerna l-miri 24, 25 u 26 taħt il-miżura 16872 (Rinnovazzjoni tal-enerġija fuq bini residenzjali) taħt il-komponent 1.2 (Rinnovazzjoni); l-istadju importanti 84 taħt il-miżura 16909 (Infrastruttura - Stabbiliment ta' Ġestjoni tar-Riskju strateġiku tad-Diżastri Nazzjonali) taħt il-komponent 1.4 (Użu sostenibbli tar-riżorsi, reżiljenza għall-klima u protezzjoni ambjentali); l-istadju importanti 109 taħt il-miżura 16810 (CRM għall-Gvern Ġenerali) taħt il-komponent 2.2 (Modernizzazzjoni), l-istadji importanti 136 u 137 u l-istadju importanti l-għdid 134a taħt il-miżura 16750 (It-Trasformazzjoni Diġitali tas-Sistemi tax-Xogħol), l-mira 144 u l-istadju importanti 144a taħt il-miżura 16747 (Riforma tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol) taħt il-komponent 3.1 (Promozzjoni tal-ħolqien tal-impjiegi u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol), l-istadju importanti 148b taħt il-miżura 16676 (Trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni) taħt il-komponent 3.2 (L-edukazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u l-ħiliet); l-istadji importanti 167, 168 u 173 taħt il-miżura 16752 (Trasformazzjoni Diġitali tas-Saħħa (DigHealth)) taħt il-komponent 3.3 (Titjib tar-reżiljenza, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà tal-kura tas-saħħa);

l-istadju importanti 185 taħt il-miżura 16763 (Trasformazzjoni Diġitali tas-sistema tal-Migrazzjoni u l-Ażil) u l-istadji importanti 181 u 181a taħt il-miżura 16402 (Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli) taħt il-komponent 3.4 (Żieda fl-aċċess għal politiki soċjali effettivi u inklużivi) u l-istadji importanti 258 u 259 taħt il-miżura 16631 (Aġġornament tas-Sikurezza fit-Toroq), l-istadju importanti 274 taħt il-miżura 16959 (Trasformazzjoni Diġitali tal-Organizzazzjoni Ferrovjarja Ellenika), l-istadju importanti 275 taħt il-miżura 16960 (Infrastruttura Intelliġenti b'fokus ambjentali u kulturali) u l-istadji importanti 293 u 298 taħt il-miżura 16975 (L-Aġġornament ta' Interventi għall-Portijiet Reġjonali) taħt il-komponent 4.6 (Modernizzazzjoni u titjib tar-reżiljenza tas-setturi ekonomiċi ewlenin); u l-istadju importanti 370 u l-mira 371 taħt il-miżura 16995 (proġetti pilota għall-Produzzjoni tal-Bijometan u tal-Idroġenu Rinnovabbli) taħt il-komponent 5.2 (Investimenti tar-REPowerEU). Fuq din il-bażi, il-Greċja talbet li l-livell ta' implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri jiżdied. Barra minn hekk, il-Greċja talbet li l-miri 24 u 293 u l-istadji importanti 136 u 137 jitneħħew. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (12) Il-Greċja spjegat li l-istadji importanti 347, 348, 349, u 350 taħt il-miżura 16999 (Ir-Restawr tal-Aċċessibbiltà wara l-effetti devastanti tal-maltempata “DANIEL”) taħt il-komponent 4.6 (Modernizzazzjoni u titjib tar-reżiljenza tas-setturi ekonomiċi ewlenin) ma għadhomx jistgħu jinkisbu parzjalment, minħabba l-kost oġhla milli kien mistenni tar-restawr wara diżastru naturali. Fuq din il-bażi, il-Greċja talbet li l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura jitnaqqas. Barra minn hekk, il-Greċja talbet li l-istadji importanti interim 347 u 348 jitneħħew. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (13) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati mill-Greċja jiġġustifikaw l-emendi skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri

- (14) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex jitqiesu l-emendi tal-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentati mill-Greċja.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (15) Ġew identifikati erba' żbalji klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, li jaffettwaw ħames stadji importanti, u erba' miżuri taħt erba' komponenti. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata biex tikkoreġi dawk l-iżbalji klerikali, li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fis-27 ta' April 2021, kif miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-Greċja. Dawk l-iżbalji klerikali jirrelataw mal-istadju importanti 140 tal-miżura 16913 (Strateġija Ġdida għall-Kisba ta' Ħiliet Tul il-Ħajja: il-Modernizzazzjoni u t-Titjib tas-Sistema ta' Titjib tal-Ħiliet u t-Taħriġ mill-Ġdid tal-Greċja) taħt il-komponent 3.2 (L-educazzjoni, l-educazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u l-ħiliet); l-istadji importanti 339 u 340 tal-miżura 16985 (Modifiki għall-qafas tal-politika tat-taxxa tal-Greċja) taħt il-komponent 4.1 (Nagħmlu t-taxxi aktar favorevoli għat-tkabbir u ntejbu l-amministrazzjoni tat-taxxa u l-ġbir tat-taxxa); l-istadju importanti 269 u d-deskrizzjoni tal-miżura 16833 (Implimentazzjoni tax-xogħlijiet ta' rettifika tal-konformità tal-EASA) taħt il-komponent 4.6 (Modernizzazzjoni u titjib tar-reżiljenza tas-setturi ekonomiċi ewlenin); u l-istadju importanti 319 u d-deskrizzjoni tal-miżura 16543 (Azzjonijiet għas-simplifikazzjoni tal-ambjent tan-negozju u t-titjib tiegħu fil-kwalità u s-sikurezza) taħt il-komponent 4.7 (Titjib tal-kompetittività u promozzjoni tal-investimenti privati u l-kummerċ). Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (16) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (17) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati mill-Greċja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (18) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-Anness V, il-kriterju 2.4, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura (klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u ta' proġetti tal-investimenti inklużi fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (19) L-RRP emendat jivvaluta l-konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont il-metodoloġija stabbilita fil-gwida teknika mogħtija fl-Avviż tal-Kummissjoni bit-titlu “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni ta' “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza”⁷

⁶ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj>).

⁷ ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

- (20) Il-Greċja ppreżentat valutazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” għal kull miżura ġdida u riveduta b’mod sostanzjali tal-RRP emendat. L-informazzjoni pprovduta turi li l-RRP mistenni li jiżgura l-konformità ma’ dak il-prinċipju. L-informazzjoni mogħtija mill-Greċja tagħmilha possibbli li jiġi konkluż li l-RRP huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluża l-bijodiversità

- (21) F’konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 38,1 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 81,6 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f’konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F’konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (22) L-RRP emendat isostni miżuri li jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika li jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri tal-2030-2050 u l-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050, kif ukoll għat-trawwim tal-bijodiversità. Pereżempju, l-ambizzjoni tal-miżura 16924 żdiedet b’mod konsiderevoli fl-RRP emendat, peress li l-mira għal xarabanks elettriċi għat-trasport pubbliku żdiedet minn 220 għal 425.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (23) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 22,3 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.
- (24) Il-miżuri fl-RRP emendat ikompli jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali jew jgħinu jindirizzaw l-isfidi relatati u jindirizzaw b'mod pożittiv in-nuqqasijiet tal-Greċja fil-qasam diġitali kif identifikati fit-tieni r-rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Deċennju Diġitali. L-RRP emendat ikompli jindirizza b'mod sinifikanti l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali li qed tiffaċċja l-Greċja fl-oqsma tal-konnettività, tas-servizzi pubbliċi diġitali, tal-kapital uman u l-ħiliet diġitali, id-diġitalizzazzjoni tan-negozji u l-adozzjoni ta' teknoloġija diġitali avvanzata.

Kostijiet

- (25) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u l-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kostijiet totali stmata tal-RRP hija moderament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

- (26) Il-Greċja pprovdiet biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-kostijiet stmati ma kinux koperti mill-finanzjament eżistenti jew ippjanat tal-Unjoni. Madankollu, f'għadd limitat ta' każijiet, l-istimi tal-kostijiet ma setgħux jiġu sostanzjati biżżejjed. B'mod ġenerali, dan jiġġustifika klassifikazzjoni ta' B skont il-kriterju ta' valutazzjoni tal-Artikolu 19(3), il-punt (i), tar-Regolament (UE) 2021/241.

Miżuri li jappoġġaw operazzjonijiet ta' investiment li jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform)

- (27) F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, il-Greċja qieset bħala prijorità dawk il-proġetti li ngħataw Siġill tas-Sovranità skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament. Madankollu, il-Greċja qieset li l-ebda proġett li ngħataw Siġill tas-Sovranità ma kellu jiġi inkluż fl-RRP emendat minħabba li l-iskeda ta' żmien tiegħu jmur lil hinn mill-2026.

Valutazzjoni pożittiva

- (28) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

⁸ Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj>).

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (29) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat tal-Greċja huma EUR 36 371 226 245. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għall-Greċja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹, u mal-Artikolu 20(4) u l-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat għall-Greċja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 18 220 378 076. Għalhekk, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-Greċja tibqa' l-istess.

Għoti ta' self

- (30) L-appoġġ fil-forma ta' self disponibbli għall-Greċja li jammonta għal EUR 17 727 538 920 jibqa' l-istess.
- (31) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 jiġi sostitwit kompletament.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

⁹ Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Greċja hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP emendat tal-Greċja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inklużi l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti relatati mat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni ttipprovdi aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

- (2) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
